**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (11)

Wieħed mill-aktar qaddiefa magħrufin mad-dilettanti anzjani ta' Marsamxett, bla dubju ta' xejn, hu Karmenu Saliba, magħruf bħala l-Krajm. Meta ltqajt miegħu f'tas-Sliema kellu madwar 80 sena. Kien bil-qiegħda fuq siġġu ħdejn il-bieb ta' barra u meta għedtlu li jien xtaqt nagħmillu intervista dwar ir-Regatta qabel il-gwerra u s-sehem tiegħu fit-tiġrijiet tad-dgħajjes, tbissimli u talabni noqgħod nintasab bil-qiegħda maġenbu. Karmenu - raġel dħuli u mżejjen b'memorja ċara ħafna beda biex qalli fil-qosor dwar tfulitu u żgħożitu:

'...jien u ħuti trabbejna l-belt fuq in-naħa fejn illum kemm il-pitch tal-waterpolo. Hemm isfel kien kollox għalina! Żmien il-provi tad-dgħajjes tar-Regatta kien għors għalina! Ta' tfal li konna, minn jaf kemm-il darba tlajna fuq id-dgħajjes tat-tiġrija, u l-barklori kienu jimpikkawna bejnietna u r-rebbieħa kienu jingħataw sitt ħabbiet – sitt ħabbiet fil-bidu tas-seklu kienu daqs żewġ xelini tal-lum.

Tista' tgħid li din it-taqtiegħa tad-dgħajjes kienet tkun ta' kuljum - kważi għal xahrejn sħaħ qabel it-tiġrija tal-Vitorja. Tiskanta meta ngħidlek, li maż-żmien, din il-pika ta' bejnietna nisslet fina l-imħabba għal dawn it-tlielaq tradizzjonali u determinazzjoni kbira li maż-żmien nieħdu sehem fit-Tiġrija tal-Vitorja f'isem Marsamxett. Għal xi wħud minna, din il-ħolma seħħet proprju fit-tiġrijiet tas-snin 20 u 30.

"Jien kelli madwar 13-il sena qabel l-Ewwel Gwerra Dinjija, u ċerti episodji għadni niftakarhom tajjeb ħafna - qisni qed narahom bħalissa.

"Dak iż-żmien Marsamxett u l-Isla kienu mpikati ħafna fil-korsa tal-Ferilli u fiha kien jinqala' ħafna glied aħrax u jweġġgħu n-nies.

"Dan il-ġlied kien jinfirex bħal mewġa ta' vapur tal-irmonk, jibda fuq il-baħar u tinfirex fuq l-art minn fuq ix-xatt ta' Lascaris sad-Dwana ... ħafna li kienu jinzertaw fuq id-dgħajjes, biex idabbru rashom, kienu jaqbżu l-baħar jgħumu lejn ix-xatt.

"Dan il-ġlied kien iqajjem pandemonju sħiħ fost in-nies fuq id-dgħajjes jew Frejgatini. Il-pulizija kienet tagħmel l-almu tagħha biex tikkontrolla l-ġlied, iżda ma kienx faċli ... ġieli arrestaw ħafna nies, u min kien jirnexxielu jisgiċċa waqt it-tiġrija kienu jsibuh l-għada. Fiż-żmieni, mal-pulizija ma kontx tiċċajta, kienu jafu lil kulħadd u jafu wkoll fejn isibuhom!

"Il-Ferillli tagħna u tal-Isla kienu armati tajjeb, iżda tagħna kienu ħafna aħjar minn tagħhom – lilna rari rebħuna sakemm kienu jġerru magħha b'Ferilli rari, iżda meta rebħuna, rebħu bl-unuri kollha ... dejjem tawna tiġrija iebsa u qatt ma għaddejnihom aktar minn tul ta' Ferilla. Meta raw li ma setgħu jagħmlu xejn magħna, bdew jibnu Ferilli ħfief.

"Niftakar kien fil-bidu tas-snin 20, l-Isla bnew Ferilli ġodda, apposta għat-tiġrija ... kienu Ferillli ħfief ħafna ... ħadd ma seta' jgħaddihom! Kien proprju fl-istess ċmien li jien bdejt naqdef fil-Kajjikki t-twal u wara ġerrejt fil-Ferilli.

"Niftakar meta sħabna osservawhom jieħdu t-triq filprovi, mill-ewwel intebħu li ma kinux Ferilli tax-xogħol u ma ridux iġerru magħhom. Għalkemm bqajna nieħdu sehem taħt protesta, aħna konna nafu li bit-tip tal-Ferilli li kellhom kienet diffiċli ħafna li nirbħulhom.

"Finalment, aħna ddeċidejna li ma nieħdux sehem aktar magħhom! Il-Kollettur tad-Dwana ħareġ bl-idea li jintroduċi korsa oħra għall-Ferilli, u għalhekk minflok waħda issa kellna tnejn, fl-ewwel waħda jieħdu sehem fiha Ferilli tal-Port ta' Marsamxett, u fl-oħra tal-Port il-Kbir.

S'intendi l-Ferilli biss mill-Isla għaliex kemm Bormla, il-Birgu u l-Marsa ma kinux jieħdu sehem f'din il-korsa. Wara l-gwerra, din il-korsa reġgħet bdiet issir iżda ma kellhiex ħajja twila.

"Jiddispjaċini ngħid li mill-mijiet ta' Ferilli li kienu jeżistu qabel il-gwerra, illum ma baqax aktar minn żewġ tużżana madwar Malta, b'aktar minn nofshom bilmagni. Ħarsa tassew li din it-tiġrija li tant kienet popolari qabel il-gwerra spiċċat hekk!"

*Qed issemmi l-Ferilli, allura possibbli intom ma stajtux tibnu Ferilli ħfief bħal tal-Isla u b'hekk issalvaw din it-tiġrija antika?*

"... u mela ma stajniex, iżda meta ġiet introdotta t-tieni korsa tal-Ferilli, middehra min kien imexxi d-distrett tagħna aċċetta din is-sitwazzjoni, iżda jien naċċertak li d-dilettanti Beltin kienu ħaduha bi kbira ħafna, l-ewwelnett għax kellhom għal qalbhom ħafna din it-tiġrija, u t-tieninett għax dehrilhom li aħna konna qegħdin nibżgħu minnhom... iva stajna nibnu Ferilli, iżda ma bnejniex ... jista' jkun ukoll li l-ħabrieka tagħna beżgħu li jerġa' jibda jinqala' l-ġlied, iżda jien ma naħsibx li kienet ir-raġuni - naħseb li kienu jafu li aħna ma stajna qatt nirbħulhom, għax għal kull Ferilla li konna nibnu, huma kienu jibnu oħra eħfef minn tagħna - fil-Ponta tal-Isla kien hemm ħafna bennejja tad-dgħajjes - dawn il-Ferilli, jekk tħares lejhom mill-bogħod tarahom bħall-oħrajn, iżda l-għeluq tagħhom kien isir b'injam eħfef.

Kif għedtlek, wara l-gwerra din il-korsa reġgħet bdiet issir u fiha kienu jieħdu sehem il-Ferilli tal-Isla biss – kien hemm ħafna Beltin li xtaqu jerġgħu jagħtu l-ħajja mill-ġdid lil din it-tiġrija, iżda ma kienx hemm żmien biżżejjed biex tinbena Ferilla tat-Tiġrija ... dawn il-Ferilli ma kinux jaħdmu bihom - jintużaw biss darba fis-sena fit-Tiġrija tal-Vitorja ..."

*Jien nimmaġina li bħala distrett kellkom għadd ġmielu ta' Ferilli ...*

"... aħna kellna diversi Ferilli, fosthom It-Torka, Karmena, Ġużeppa, Mananni u Ċetta. Niftakar li missieri kie jgħid li fiżżmienu kellhom Ferilla li kienet magħrufa bħala Filippa - sidha kien minn Ħaż-Żebbuġ u oħra Wenza li sidha kien mill-Birgu.

"Tinsiex li hawn f'Marsamxett kien hawn ħafna barklori għax kienet tidħol il-Flotta – xi wħud minnhom kienu ġew jgħixu f'dawn l-inħawi, u fil-Vitorja kienu jġerru magħna.

"S'intendi barra Ferilli kien hawn madwar 100 dgħajsa tal-Pass u għalhekk madwar 200 barklor u wliedhom subien ... jien dejjem nismagħhom jgħidu li għat-tiġrija tal-Vitorja kienu jagħżlu l-aħjar Ferilli u dgħajjes tal-Port u s-sidien tagħhom ma kinux jgħidu le ... ħafna minnhom kienu jibżgħu jirrifjutaw it-talba tal-ħabrika minħabba xi vendikazzjoni li fiż-żmieni kienet ħaġa komuni fiżżmien ir-Regatta.

Kien żmien ieħor! Illum kull distrett għandu l-opri tiegħu u għalhekk m'għadhomx jissellfu opri ... fuq kollox, kif qed tara, Ferilli ma baqax u d-dgħajjes naqsu ħafna – naħseb li m'hawnx aktar minn sittin dgħajsa fiż-żewġ portijiet, meta sa wara l-gwerra kien hawn madwar 250 dgħajsa .

*X'ġara biex Marsamxett, minn distrett li kien jiddominа dawn it-tiġrijiet illum qed jiffaċċja l-problema tal-qaddiefa?*

"... illum Marsamxett isem biss baqagħlu ...illum meta ssemmi Marsamxett tkun qed issemmi l-Belt biss. Sa qabel il-gwerra u ħafna snin qabel, f'isem Marsamxett kienu jieħdu sehem opri u qaddiefa minn Tas-Sliema, Gżira, Msida, San Ġiljan, Pietá u sintendi mill-Belt .... Ferilla jew Dgħajsa minn tas-Sliema jew Msida kien iġerri f'isem pajjiża, iżda dejjem bis-sinjal ta' Marsamxett - kien distrett qawwi ħafna u jien nismagħhom jgħidu li sal-Ewwel Gwerra Dinjija ħadd ma seta' jirbħilhom ... kienu jirbħu numru kbir ta' paljijiet, iżda wara l-Gwerra l-Kbira, Marsamxett, minkejja li baqa' qawwa fil-Ferilli, beda jmajna fil-korsi l-kbar li issa ġew iddominati minn Bormla u l-Birgu ... l-Isla kienet armata b'qaddiefa mill-aqwa iżda l-Birgu u Bormla kienu armati aħjar minnha.

"L-Isla kienet b'saħħitha ħafna wara l-gwerra ... ma rridx ngħid li kienu jaqdfu weħidhom għax kien hemm mil-Marsa u l-Birgu – iżda kienu neqsin l-aqwa żewġ distretti – aħna u Bormla. Kif taf, id-distrett tagħna ġie organizzat mill-ġdid, iżda minkejja li rbaħna xi paljijiet qatt ma rnexxielna nirbħu l-Shield, iżda Bormla le, armaw mill-ġdid, u llum qiegħdin jiddominaw kull Regatta ...

*Ikompli f'ħarġa oħra*



Tigrija tal-Ferilli fis-snin 20